MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2013

Numru. 101/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Christopher Attard**
**Jordan Agius**
**Dorian Attard**

Kaz Numru: 101/2012

Illum 24 ta' Lulju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Christopher Attard**, ta' sbatax-il (17) sena, iben George u Vivienne neé Portelli, imwieled Rabat, Ghawdex, fl-20 ta' Frar 1995, residenti fil-fond 'Kristu Re', Triq Wied Sara, Rabat, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 12795(G),

**Jordan Agius**, ta' sbatax-il (17) sena, iben Joseph u Penelope neé Lee, imwieled Rabat, Ghawdex, fl-14 ta' Awwissu 1995, residenti fil-fond 'St. Joseph', Triq il-Wiehed u Tletin ta' Marzu 1979, Rabat, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 2896(G),

**Dorian Attard**, ta' hmistax-il (15) sena, bint George u Vivienne neé Portelli, imwieled Rabat, Ghawdex, fis-17 ta' Settembru 1997, residenti fil-fond 'Kristu Re', Triq Wied Sara, Rabat, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 28197(G)

**Lil Christopher Attard wahdu akkuzat talli**:

1. fis-16 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tat-tlieta neqsin ghoxrin ta' filghodu (2:40hrs) fiz-Zebbug, Ghawdex bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjonti tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u cioé pprova jikkommetti reat ta' serq minn gewwa l-Kazin tal-Banda taz-Zebbug, liema serq kien se jkun aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur u bi vjolenza ghad-dannu ta' Marnol Sultana, Nicolas Cini u/jew persuni ohra;

2. fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Novembru 2012 u l-1 ta' Dicembru 2012, minn gewwa c-Centru Parrokjali tal-Gharb, Ghawdex f'hinijiet differenti kkommetta serq ta' flus, kif ukoll ta' oggetti ohra li jikkonsistu f'sigaretti, flixken tar-Redbull, pakketti tal-Pringles u cikkulata liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37) ghad-dannu ta' Fr. Joseph Tabone u/jew persuni ohra ;

3. fil-lejl ta’ bejn it-30 ta’ Novembru 2012 u l-1 ta’ Dicembru 2012 u fil-granet ta’ wara f’diversi postijiet f’dawn il-gzejjer f’hinijiet differenti talli xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. fil-lejl ta’ bejn il-5 u s-6 ta’Ottubru 2012 minn gewwa l-Kazin tal-Banda Mnarja fi Triq 13 ta’ Dicembru, Nadur, Ghawdex f’hinijiet differenti kkommetta serq ta’ flus, fliexken tax-xorb, numru ta’ grosos sigaretti, numru ta’ pakketti tas-sigarri u numru ta’ pakketti tal-brim fost oggetti ohrajn, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jaqbez l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta’ Mario Portelli u/jew persuni ohra;

5. fil-lejl ta’ bejn il-5 u s-6 ta’ Ottubru 2012 u fil-granet ta’ wara f’diversi postijiet f’dawn il-gzejjer f’hinijiet differenti talli xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

6. fil-lejl ta’ bejn il-5 u s-6 ta’ Ottubru 2012 minn gewwa l-Kazin tal-Banda Mnarja fi Triq 13 ta’ Dicembru, Nadur, Ghawdex, f’hinijiet differenti volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tiskorri il-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin cetenzmu (€116.47) izda li ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u erbghin (€1164.49) u dan ghad-dannu ta’ Mario Portelli u/jew persuni ohra.

**Lil Christopher Attard, Jordan Agius u Dorian Attard wahidhom akkuzati talli:**

7. fix-xahar ta’ Ottubru 2012 u fix-xhur ta’ qabel minn gewwa c-Centru Parrokkjali tal-Gharb, Ghawdex f’hinijiet differenti kkommettew serq ta’ flus, kif ukoll numru

ta' grosos ta' sigaretti, fliexken tax-xorb fost oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-vjolenza u bil-valur li jammonta ghall-aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37) ghad-dannu ta' Fr. Joseph Tabone u/jew persuni ohra;

8. fix-xahar ta' Ottubru 2012 u fix-xhur ta' wara f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 25 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 165) li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Fil-konfront ta' Christopher Attard wahdu fl-Artikoli 41(1)(a) (meta tapplika), 261, 262(1)(2), 263, 267, 270, 276, 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2), 281, 334(a), 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fil-konfront tal-imputati kollha fl-Artikoli 261, 262(1)(2), 263, 267, 276, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281, 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(c) Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-26 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 166), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-25 ta' Gunju 2013, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 32), lill-imputati jammettu li huma hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 32), lid-difiza titlob li jigu mhejjija *Pre-Sentencing Reports* fil-konfront tal-imputati kollha, liema talba giet milqugha.
Semghet lil *Probation Officer* Joanna Farrugia tixhed rigward il-*Pre-Sentencing Report* redatt minnha fil-konfront tal-imputat Dorian Attard, liema rapport gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "JF 1" (*a fol.* 58 *et seq.*).

Semghet lil *Probation Officer* Annabelle Bugeja tixhed rigward il-*Pre-Sentencing Reports* redatti minnha fil-konfront tal-imputati Christopher Attard u Jordan Agius, liema rapporti gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 71 *et seq.*) u Dok. "AB 2" (*a fol.* 89 *et seq.*).

Rat il-*Pre-Sentencing Reports* mmarkati bhala Dok. "JF 1" (*a fol.* 58 *et seq.*), Dok. "AB 1" (*a fol.* 71 *et seq.*) u Dok. "AB 2" (*a fol.* 89 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013, lil Fr. Joseph Sultana (*a fol.* 52 *et seq.*) u lil Mario Portelli (*a fol.* 54 *et seq.*) jixhdu li kienu rcevew pagament a saldu mit-tlitt imputati u semghethom ukoll jixhdu li kienu disposti jahfru lit-tlitt imputati ghal dak li ghamlu.

Rat il-*Process Verbal* numru 188/13 redatt mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli li gie mmarkat bhala Dok. "JA" (*a fol.* 108 *et seq.*)

Regghet semghet, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 166), wara li gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-25 ta' Gunju 2013, lill-imputati jammettu li huma hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tinghata fil-konfront tal-imputati.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew li huma hatja tal-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota datata 25 ta' Gunju 2013 u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fatt li ghandu jigi applikat l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (u dana *stante* l-eta' tat-tlitt imputati meta kkomettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom), in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, il-fedina penali taghhom (li huma kollha nodfa), l-ammissjoni bikrija taghhom, il-fatt li sar l-hlas a saldu *da parte* tal-imputati lill-parti leza, u kif ukoll il-kontenut u r-rakkomandazzjonijiet tal-*Probation Officers* fit-tlitt *Pre-Sentencing Reports* li gew imhejjija minnhom, liema rakkomandazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taderixxi maghhom.

Illi jirrizulta li imputazzjonijiet bin-numri tlieta (3), hamsa (5) u tmienja (8) gew moghtija bhala alternattivi ghall-imputazzjonijiet bin-numri tnejn (2), erbgha (4) u sebgha (7) u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet bin-numri tlieta (3), hamsa (5) u tmienja (8).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet bin-numri tlieta (3), hamsa (5) u tmienja (8), wara rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 25 ta' Gunju 2013 u senjatament Artikoli 41(1)(a), 261, 262(1), 262(2), 263, 267, 270 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta <u>fil-konfront ta' Christopher Attard</u> u Artikoli 261, 262(1), 262(2), 263 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta <u>fil-konfront ta' Jordan Agius u Dorian Attard</u>, fuq ammissjoni, issib lil Christopher Attard hati tal-imputazzjonijiet bin-numri wiehed (1), tnejn (2), erbgha (4), sitta (6) u sebgha (7), u lil Jordan Agius u Dorian Attard hatja tal-

imputazzjoni bin-numru sebgha (7) u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lit-tlitt imputati taht ordni ta’ *probation* kull wiehed fejn filwaqt fir-rigward tal-imputat Christopher Attard din l-ordni tkun ghal perijodu ta’ tlitt (3) snin mil-llum, fir-rigward tal-imputati Jordan Agius u Dorian Attard l-ordni ta’ *probation* tkun ghal perijodu ta’ sentejn millum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghtija llum stess u annessi ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputati Christopher Attard, Jordan Agius u Dorian Attard bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqsu milli jikkonformaw ruhhom ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmlu reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistghaw jinghataw sentenza ghar-reati li taghhom nstabu hatja b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni tal-*probation* moghtija b’Digrieti ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputati Christopher Attard, Jordan Agius u Dorian Attard.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tikkundanna lit-tlitt imputati sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallsu, fi kwoti ndaqs bejniethom, is-somma ta’ hames mija u tnejn u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 522.37) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert il-Perit Shawn Micallef fil-*Process Verbal* numru 188/13. Il-Qorti tordna

wkoll lit-tlitt imputati sabiex ihallsu l-ispejjez relatati mal-hatra tas-Sur Max Xuereb u ta' PC 612 Theodore Vella fil-*Process Verbal* numru 188/13 u li ghadhom ma espletawx l-inkarigu lilhom moghti, liema hlas *da parte* tal-imputati ghandu jkun fi kwoti ndaqs bejniethom u li ghandu jsir fi zmien tlitt (3) xhur minn meta jigu mitluba jhallsu mir-Registratur tal-Qorti. Il-Qorti tordna lis-Sur Max Xuereb u lil PC 612 Theodore Vella sabiex jieqfu fl-inkarigu moghti lilhom fil-*Process Verbal* numru 188/13 fejn waslu sa issa u sabiex dak li sar minnhom sa issa jigi ntaxxat minghajr dewmien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------